KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
RUIZ-JARABO COLOMER
ippreżentati fl-24 ta' Jannar 2008 [1]

I — Introduzzjoni

1. Il-Landesgericht Bozen (l-Italja), fid-dawl ta' l-Artikolu 234 KE, qed tagħmel domanda preliminari rigward id-dubji tagħha dwar il-konformità tad-dritt amministrattiv Taljan mad-dritt soċjali Komunitajru. B'mod partikolari, hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-legalità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lil min iħaddem li jinnotifika kopja tal-kuntratti ta' xogħol part-time kollha fi żmien 30 ġurnata wara l-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti. Dan l-obbligu, flimkien ma' sistema iebsa ta' sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-każijiet ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, għandu jkun konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-ĊEEP u mill-ETUC [2].

2. Għalkemm id-Direttiva 97/81 kienet diġà ġiet interpretata mill-Qorti tal-Prim'Istanza, din hija l-ewwel darba li qed tintalab teżamina diskriminazzjoni li ma tirriżultax mis-sustanza tal-kuntratt, iżda mill-formalitajiet amministattivi imposti fuq min iħaddem fil-kuntest ta' kuntratti ta' xogħol part-time. B'konsegwenza, din il-kawża tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 97/81 u li tippreċiża r-relazzjoni tagħha ma', minn naħa, il-prinċipju ġenerali ta' non-diskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, id-Direttiva tal-Kunsill 76/207, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol [3].

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Il-leġiżlazzjoni Komunitajra*

3. Fl-1997, il-Komunità Ewropea approvat id-Direttiva 97/81, sabiex timplementa

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — ĠU 1998, L 14. p. 9.

3 — ĠU L 39, p. 40.

l-Ftehim Qafas konkluż bejn is-sieħba soċjali ta' dimensjoni Ewropea fil-qasam tax-xogħol part-time. L-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni kienet intiża, minn naħa, sabiex tabolixxi d-diskriminazzjoni kontra l-ħaddiema li jaħdmu part-time, u, min-naħa l-oħra, sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' dan it-tip ta' kuntratt. Il-klawżoli 4 u 5 tal-Ftehim Qafas juru dan li ġej:

"Il-Klawżola 4: Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni

1. Fejn għandhom x'jaqsmu il-kondizzjonijiet tax-xogħol, ħaddiema part-time m'għandhomx jiġu ttrattati b'manjiera inqas favorevoli minn ħaddiema full-time ta' l-istess tip biss minħabba li huma jaħdmu part-time kemm-il darba dan it-trattament differenti mhuwiex oġġettivament ġustifikat.

2. Meta approprjat, il-prinċipju ta' *pro rata temporis* għandu japplika.

3. L-arranġamenti għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola għandhom ikunu definiti mill-Istati Membri u/jew is-sieħba soċjali, b'kont meħud tal-leġiżlazzjoni Ewropea, il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv u l-prattika.

4. Meta oġġettivament ġustifikat l-Istati Membri jistgħu wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu, meta approprjat, jikkondizzjonaw l-aċċess għal impjiegi partikolari bi kwalifiki ta' perjodu ta' servizz, ħin maħdum jew rati ta' qligħ. Il-kwalifiki li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċess ta' ħaddiema part-time għal kondizzjonijiet ta' l-impjieg partikolari għandhom jiġu ezaminati perjodikament b'kont meħud tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni espress fil-Klawżola 4.1.

Il-Klawżola 5: Opportunitajiet għal xogħol part-time

1. Fil-kuntest tal-Klawżola 1 ta' dan il-Ftehim u tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni bejn ħaddiema part-time u full-time:

a) L-Istati Membri, wara konsultazzjonijiet ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali jew prattika, għandhom jidentifikaw u jirrevedu ostakoli ta' natura legali jew amministrattiva li jistgħu jillimitaw l-opportunitajiet għal xogħol part-time u, meta approprjat, jeliminawhom;

b) l-imsieħba soċjali, waqt li jaġixxu fis-settur tal-kompetenza tagħhom u permezz tal-proċeduri stabbiliti fil-ftehim kollettiv, għandhom jidentifikaw u jirrevedu l-ostakoli li jistgħu jillimitaw l-opportunitajiet għal xogħol part-time u, meta approprjat, jeliminawhom."

4. Hekk kif ġie indikat, id-Direttiva 97/81 hija intiża sabiex jikkumbatti d-differenza ta' trattament bejn ċerti tipi ta' kuntratti ta' xogħol; madankollu, it-test tagħha jikkunsidra — b'mod sekondarju, però xorta waħda mhux inqas rilevanti — aspett marbut mad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess. Fil-fatt, il-ħames premessa ta' din id-direttiva tipprovdi li:"il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Essen enfasizzaw il-bżonn li jittieħdu miżuri biex jippromwovu l-impjieg u l-opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel". Minbarra dan, il-klawżola 6(4) tal-Ftehim Qafas tistabbilixxi l-interdipendenza tar-regoli dwar ix-xogħol part-time u dawk li jikkonċernaw in-non-diskriminazzjoni minħabba s-sess:

"Dan il-Ftehim m'għandux jippreġudika dispożizzjonijiet iktar speċifiċi tal-Komunità, b'mod partikolari dispożizzjonijiet Komunitarji dwar it-trattament ugwali jew l-opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa."

5. Dawn id-dispożizzjonijiet fil-qasam ta' ugwaljanza li għalihom jirreferi l-Ftehim Qafas huma, prinċipalment, id-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa [4] u d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol [5]. F'din il-kawża, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/207 għandu importanza partikolari:

"1. L-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali jfisser li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni minħabba s-sess fil-kondizzjonijiet, inklużi l-kriterji tal-għażla, għall-aċċess għall-impjiegi kollha jew postijiet, ikun x'ikun is-settur jew il-qasam tal-attività, u għal-livelli kollha tal-ġerarkija tax-xogħol.

4 — ĠU L 45, p. 19.

5 — Dawn iż-żewġ direttivi ġew reċentement imfassla mill-ġdid fid-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwisjtonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, p. 23). Madankollu, il-fatti ta' din il-kawża seħħew qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2006/54, u b'hekk mhijiex applikabbli għalihom.

2. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li:

a) il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi kollha li huma kuntrarji għall-prinċipju tat-trattament ugwali għandhom jitneħħew;

b) id-dispożizzjonijiet kollha kuntrarji għall-prinċipju tat-trattament ugwali li huma mdaħħla fi ftehim kollettiv, kuntratti individwali tax-xogħol, regoli interni ta' impriżi jew f'regoli li jirregolaw l-impjiegi indipendenti u professjonijiet għandhom, jew jistgħu jiġu ddikjarati, nulli u bla effett jew jistgħu jiġu emendati;

c) dawk il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li huma kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali meta t-tħassib għall-protezzjoni li nebbħithom oriġinarjament m'għadx għandha bażi soda għandhom jiġu riveduti; u li fejn disposizzjonijiet bħalhom huma mdaħħla fi ftehim kollettiv il-ħaddiema u d-direzzjoni għandhom jintalbu li jagħmlu r-reviżjoni mixtieqa."

B — *Il-leġiżlazzjoni Taljana*

6. L-Artikolu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 tal-25 ta' Frar 2000 [6], jobbliga lil min iħaddem li jinnotifika, fi żmien 30 ġurnata wara l-konklużjoni ta' kuntratt part-time, kopja ta' dan il-kuntratt lid-Direttorat Provinċjali kompetenti ta' l-ispezzjoni tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali.

7. Il-ksur ta' dan l-obbligu, skond l-Artikolu 8 ta' l-imsemmi Digiret Leġiżlattiv, iwassal għal multa amministrattiva ta' EUR 15 għal kull wieħed mill-ħaddiema in kwistoni u għal kull ġurnata ta' dewmien. Il-multa ma kellhiex limitu kwantitattiv u ebda kawża ta' attenwazzjoni jew ta' aggravazzjoni skond il-livell ta' kulpabbiltà ta' l-awtur tal-ksur ma kienet prevista.

8. Fl-2003, tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000, l-Artikolu 2 ġie mħassar [7]. Madankollu, peress li fl-Italja, il-kwistjoni hija rregolata mill-prinċipju *tempus regit actum*, l-applikazzjoni retroattiva favorevoli tad-dispożizzjonijiet li jħassru l-ksur u s-sanzjonijiet amministrattivi hija impossibbli.

6 — Gazzetta Ufficiale ta' l-20 ta' Marzu, Nru 66.

7 — Digriet Leġiżlattiv Nru 276/2003, ta' l-10 ta' Settembru 2003 (Gazzetta Ufficiale tad-9 ta' Ottubru 2003, Nru 235).

III — Il-fatti

9. Id-digriet tar-rinviju tal-Landesgerict Bozen jindika li Ruth Volgger, Othmar Michaeler u l-kumpannija Gesellschaft Subito GmbH kisru l-Artikolu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000. Minkejja deskrizzjoni sommarja tal-fatti, jirriżulta mid-digriet tar-rinvju li fuq O. Michaeler u l-kumpannija Gesellschaft Subito GmbH kienet ġiet imposta multa ta' EUR 216 750 mill-Arbeitsinspektorat der Autonomen Provinz Bozen (Ispettorat tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali tal-provinċja awtonoma ta' Bolzano). Id-domanda preliminari fil-kawża C-55/07 ġiet issollevata fil-kuntest tar-rikors kontra d-deċiżjoni li timponi din il-penali.

F'data qrib, R. Volgger, O. Michaeler, kif ukoll il-kumpannija Gesellschaft Subito FmbH irċevew multa ta' l-ammont ta' EUR 16 800, li huma kkontestaw quddiem il-Landesgericht Bozen, fejn dan ta lok għar-rinviju preliminari fil-kawża C-56/07.

10. Id-digriet tar-rinvju ma jipprovdix elementi fattwali oħra, iżda, kif qed jiġi espost iktar 'il quddiem, id-dubju mqajjem jeħtieġ analiżi fundamentali astratta tar-regoli applikabbli. B'hekk, mhemm ebda raġuni għalfejn il-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex tiddeċiedi fuq dan il-preżenti rinviju preliminari.

IV — Id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11. B'għarfien sħiħ tal-kuntest leġiżlattiv Komunitarju u nazzjonali, il-Landesgericht Bozen tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda li ġejja:

"Dispożizzjonijiet nazzjonali (Artikoli 2 u 8 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000) li jimponu fuq min iħaddem l-obbligu li jinnotifika lid-Direttorat provinċjali kompetenti ta' l-Ispezzjoni tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali b'kopja tal-kuntratti ta' xogħol part-time fi żmien 30 ġurnata wara l-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti, billi jimponu multa ta' EUR 15 għal kull ħaddiem in kwisjtoni u għal kull ġurnata ta' dewmien f'każ ta' nuqqas ta' notifikazzjoni, mingħajr ma jistabbilixxu limitu ogħla għall-multa amministrattiva (multa), huma kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju u tad-Direttiva 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997".

12. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'digriet tat-18 ta' April 2007, għaqqad iż-żewġ kawżi, minħabba l-konnessività objettiva tagħhom.

13. Matul il-fażi bil-miktub, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ppreżentaw osservazzjonijiet. Peress li ebda persuna ma talbet li ssir udjenza, b'mod li,

wara l-laqgħa ġenerali tas-27 ta' Novembru 20007, il-kawża kienet fi stat dawn il-konklużjonijiet setgħu jiġu mħejja.

V — Analiżi ġuridika

A — *Kunsiderazzjoni preliminari: ir-relazzjoni bejn il-prinċipji ġenerali tad-dritt u d-Direttivi 97/81 u 76/207*

14. Qabel ma nidħlu fil-mertu tal-kawża, għandu jiġi ppreċiżat il-kuntest ġuridiku rilevanti. Kif jirriżulta mid-digriet tar-rinviju, il-Landesgericht Bozen għandha dubji dwar jekk il-miżuri Taljani in kwistjoni humiex kompatibbli mad-Direttiva 97/81 u "mad-dritt Komunitarju". Din l-aħħar espressjoni, kif ukoll il-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, tħalli lil min jaħseb li l-qorti nazzjonali għandha dubji rigward il-konformità tas-sistema legali Taljana ma' regoli Ewropej *oħra*.

15. Din ir-referenza għad-"dritt Komunitarju" tirreferi, fil-fehma tiegħi, għall-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni minħabba s-sess. B'hekk, kif tenfasizza l-qorti Taljana, it-trattament differenzjat applikat għall-kuntratti part-time u għal kuntratti full-time jista' jwassal għal diskriminazzjoni indiretta, peress illi n-nisa jirrappreżentaw grupp partikolarment marbut ma' l-ewwel tip ta' kuntratti.

16. L-ambigwità li biha huwa deskitt il-kuntest leġiżlattiv applikabbli jistieden sabiex ibiddel kemxejn ir-rwol tal-prinċipju ta' non-diskriminazjoni minħabba s-sess fid-direttivi dwar il-qasam ta' l-ugwaljanza. Sabiex tiġi mfassla risposta utli, għandna nieqfu għal ftit ħin sabiex nikkunsiddraw ċerti aspetti ġenerali tas-sistema tas-sorsi tad-dritt Komunitarju.

17. L-impatt tal-prinċipju ġenerali tad-dritt fuq id-Direttivi Komunitarji mhux dejjem kien mingħajr diffikultà. Id-dħul ta' regoli miftuħa u indeterminati bħal dawn il-prinċipji, flimkien man-natura teleoloġika tad-direttiva, jista' jwassal l-operaturi ġuridiċi jwettqu żball meta jużaw kriterji ċari li permezz tagħhom tiġi solvuta kawża. Din l-influwenza reċiproka u kumplessa bejn dawn iż-żewġ sorsi normativi teħtieġ ħidma ta' kjarifikazzjoni.

18. Il-prinċipi ġenerali tad-dritt jissodisfaw funzjoni eteroġenja fis-sistema legali ta' l-Unjoni Ewropea: minn naħa, dawn huma regoli ġuridiċi li jistgħu jiġu assimilati ma' dawk tad-dritt primarju, li għandhom awtonomija proprja, li jiddeterminaw il-validità ta' att tad-dritt sekondarju jew

l-applikabbiltà ta' regola nazzjonali [8]; fit-tieni lok, huma jikkumpletaw l-interpretazzjoni ta' regola oħra, tad-dritt primarju jew tad-dritt sekondarju, mingħajr ma jiksbu indipendenza sħiħa u kompluta, iżda li jikkondizzjoniaw ir-riżoluzzjoni ta' każ konkret [9].

19. Din il-funzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt hija ssimplifikata meta dawn jiġu ttrasposti fid-dritt miktub, bħal mhuwa l-każ tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza (Artikolu 12 KE), u dawn jiksbu natura demokratika li ma tkunx preżenti meta toħloqhom il-ġurisprudenza. Madankollu, kemm minn naħa u kemm oħra, dawn iservu bħala parametru ta' konformità għal regoli oħra, kif ukoll kriterji ta' interpretazzjoni.

20. Din id-distinzjoni duwalistika tinħeba ftit fil-każ tad-Direttivi. Fis-sentenza Mangold [10], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li prinċipju ġenerali tad-dritt seta' jkun applikabbli meta Direttiva, minħabba l-kuntenut tagħha, in-nuqqas ta' effett dirett orizzontali u terminu ta' traspożizzjoni miftuħ, ma setgħex tiġi invokata f'kawża. Il-leġiżlazzjoni in kwistjoni fil-kawża Mangold kienet id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol [11]. Il-Qorti tal-Ġustizzja solviet id-diffikultà li hija kellha li tapplika sabiex tapplika din id-Direttiva billi rrikonoxxiet l-awtonomija tal-prinċipju ġenerali ta' non-diskriminazzjoni minħabba l-età [12]. Dak li l-leġiżlatur Komunitarju ma pproteġiex permezz ta' direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja tat garanzija tiegħu permezz ta' prinċipju ġenerali tad-dritt.

21. L-Avukat Ġenerali Màzak, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Palacios de la Villa [13], jikkritika b'mod iebes il-ġurisprudenza Mangold, fejn ikkunisdraha ta' ħsara għas-sistema

8 — Għalkemm il-qorti nazzjonali għandha l-obligu li ma tapplikax ir-regoli nazzjona li jmorru kontra d-dritt Komunitarju (sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal, 106/77, Ġabra p. 629, punti 21 sa 24), din għandha xi drabi teliminhom (sentenza ta' l-4 ta' April 1974, Il-Kummissjoni vs Franza, 167/73, Ġabra p. 359, punt 35). Dan huwa l-każ ta' l-inkompatibbiltà bejn ir-regoli Komunitarji u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, fejn il-qrati ta' diversi Stati Membri jistgħu jeżaminawhom u sussegwentement jannullawhom. Din ir-realtà tikkonferma li ma teżistix, bejn id-dritt Komunitarju u s-sistema legali nazzjonali, relazzjoni unika ta' "preminenza" (bbażata fuq l-applikabbiltà), meta mqabbla ma' relazzjoni ta' "supremazija" (ibbażata fuq il-validità), peress illi, f'ċerti każijiet, din id-distinzjoni hija mċekkna. V. Ferreres Comella, "La Constitución española ante la cláusula de primacía del Derecho de la Unión Europea", f'Closa Montero, C. (ed.), Constitución española y Constitución europea. Análisis de la Declaración del Tribunal Constitucional, Centro de Estudios Políticos y Constitucionales, Madrid, 2005, p. 92.

9 — Ara, f'dan ir-rigward, R. Alonso García, Derecho Comunitario. Sistema Constitucional y Administrativo de la Comunidad Europea, CEURA, Madrid, 1994, p. 238 sa 244. X. Groussot, Création, Development and Impact of the General Principles of Community Law: towards a jus commune europaeum?, Lund University, Lund, 2005, p. 16 sa 27, rigward il-klassifikazzjoni segwenti: prinċipji komplementari (jew sussidjarji), prinċipji regolaturi u prinċipji operazzjonali. Dawk ta' l-ewwel ikopru l-lakuni tad-dritt Komunitarju, it-tieni grupp jirrigwardaw regoli superjuri (libertajiet, sussidjarjetà jew lealtà istituzzjonali) u t-tielet grupp iservi essenzjalment bħala parametri ta' analiżi ta' l-atti individwali (proporzjonalità, ugwaljanza, ċertezza legali).

10 — Sentenza tat-22 ta' Novembru 2005 (C-144/04, Ġabra p. I-9981).

11 — ĠU L 303, p. 16.

12 — Sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 75.

13 — Konklużjonijiet tal-15 ta' Frar 2007 (sentenza tas-16 ta' Ottubru 2007, C-411/05, Ġabra p. I-8531).

legali fl-intier tagħha [14]. Jiena naqbel ma' l-opinjoni ta' l-Avukat Ġenerali, peress illi l-applikabbiltà sussidjarja tal-prinċipji mhux biss tista' toħloq inċertezza legali, iżda wkoll iċċaħħad is-sistema tas-sorsi billi tagħmel atti tipiċi Komunitarji f'regoli dekorattivi, li faċilment jistgħu jiġu sostituti permezz tal-prinċipji ġenerali [15].

22. Naħseb li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tuża bosta prudenza meta tapplika simultanjament id-direttivi u l-prinċipji ġenerali tad-dritt. Fil-fatt, il-koeżistenza tagħhom tkun akar produttiva għall-ġuristi jekk jiġi sostnut li d-direttivi, ladarba introdotti fis-sistema legali, jirċievu interpretazzjoni komplementari tal-prinċipji, mingħajr ma fl-istess ħin jitqiegħdu fuq livell ta' ugwaljanza ma' dawn ta' l-aħħar; fil-fatt, jekk, wara l-adozzjoni ta' direttiva, ċerti aspetti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha kienu rregolati minn prinċipji ġenerali, il-funzjoni u n-natura tagħha jsibu ruħhom mibdula b'mod kunsiderevoli. Jidher li jkun iktar xieraq li l-prinċipji ġenerali tad-dritt allegati f'kawża li fiha jiġu invokati direttivi jaġixxu bħala parametri ta' interpretazzjoni. B'hekk, ir-relazzjoni bejn il-prinċipji ġenerali u d-direttivi tiggarantixxi iktar iċ-ċertezza legali u tirrispetta aħjar l-ekwilibriju instituzzjonali li huwa inerenti għal sistema ta' sorsi bħas-sistema Komunitarja [16].

23. Sabiex nirrispondu għad-domanda tal-Landesgericht Bozen, f'dawn iċ-ċirktsanza għandu jiġi eżaminat jekk id-dubji mogħija jistgħux jitneħħew permezz ta' strumenti leġiżlattivi Komunitarji, fejn f'każ bħal dan il-prinċipji ġenerali jservu esklużivament bħala għodda ta' interpretazzjoni tad-direttivi; madankollu, fin-nuqqas ta' direttivi applikabbli, il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komuniatarju jsiru applikabbli bħala elementi normattivi awtonomi.

14 — Il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Mazàk fil-kawża Palacios de la Villa huma partikolarment eżemplari kemm minħabba l-motivazzjoni tagħhom kif ukoll fir-rigward tal-kjarezza li biha dawn jesprimu n-nuqqas ta' qbil ta' l-Avukat Ġenerali mal-ġurisprudenza Mangold. L-iktar parti sinjifikattiva tidher mingħajr dubju fl-osservazzjonijiet finali, fejn l-Avukat Ġenerali jafferma li, "bħala regola, f'kuntest bħaċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, fejn ġiet adottata direttiva, tali att ta' dritt Komunitarju sekondarju jista' jiġi interpretat fid-dawl tal-prinċipji ġenerali li fuqhom ikun ibbażat u jiġi mqabbel ma' dawn il-prinċipji. Għalhekk, il-prinċipji ġenerali tad-dritt — li huma indikati mill-Qorti tal-Ġustizzja, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 220 KE, bħala parti mid-dritt Komunitarju primarju — jingħataw espressjoni u applikazzjoni permezz ta' leġiżlazzjoni Komunitarja speċifika.[…]Tista' tinqala' sitwazzjoni problematika, madankollu, jekk dan il-kunċett kellu jinqaleb ta' taħt fuq billi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju […] espress f'leġiżlazzjoni Komunitarja speċifika […] jingħata grad ta' emanċipazzjoni tali li jista' jiġi invokat minflok jew b'mod indipendenti minn dik il-leġiżlazzjoni.Tali approċċ mhux biss iqajjem tħassib serju f'dak li jirrigwarda ċ-ċertezza legali, imma jixħet ukoll dubji fuq id-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri, u, b'mod ġenerali, fuq l-attribuzzjoni tas-setgħat taħt it-Trattat. […]" (punti 136 sa 138).

15 — Fin-Nru 1, Vol. 43, 2006 tal-Common Market Law Review, l-editur ta' dan il-perjodiku jipprovdu kummentarju rilevanti, b'mod kritiku, għas-sentenza Mangold, fejn jenfasizzaw għal darb'oħra l-livell ta' kumplessità li jiżdied mal-kuntest ġuridiku Komunitarju (ara, b'mod partikolari, p. 7 u 8).

16 — Il-każijiet li fihom id-Direttiva teħtieġ mill-Istati Membri traspożizzjoni fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropa jissollevaw kwistjoni oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Lulju 2003, Booker Aquaculture u Hydro Seafood (C-20/00 u C-64/00, Ġabra p. I-7411) filwaqt li ssegwi l-Avukat Ġenerali Mischo, iddikjarat li d-drittijiet fundamentali, inkwantu prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, għandhom jiġu rrispettati mill-Istati meta dawn jittrasponu direttiva fis-sistema legali tagħhom. Fil-fatt, id-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni mhux biss iservu bħala interpretazzjoni, iżda wkoll sabiex jikkontrollaw il-proċeduri ta' l-awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istat. Din il-funzjoni hija bbażata fuq in-natura materjalment Kostituzzjonalil tad-drittijiet fundamentali, peress illi, minbarra li dawn jagħti spazji ta' libertà lill-individwu, ukoll jilleġittimaw il-proċeduri ta' l-Unjoni.

24. Fil-fehma tiegħi, id-dubji tal-qorti Taljana huma rregolati minn żewġ Direttivi: id-Direttiva 97/81, espressament invokata mill-qorti tar-rinviju, u li tirregola x-xogħol part-time, u d-Direttiva 76/207, dwar l-implementazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol. Għalkemm il-qorti tar-rinviju tagħmel referenza għall-Artikolu 137 KE, id-domandi tagħha jikkonċernaw id-Direttiva 76/207 imsemmija iktar 'il fuq.

25. B'konsegwenza, f'din il-kawża, interpretazzjoni tad-direttivi skond il-prinċipji ġenerali hija possibbli, fejn b'hekk tkun tista' tiġi evitata l-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali bħala regoli awtonomi, li tippermetti li testendi, mill-bieb ta' wara u fil-marġni tal-proċeduri demokratiċi ta' deċiżjoni, l-isfera ta' influwenza tad-direttivi.

26. Fl-aħħar nett, għandha ssir analiżi filfond dwar ir-relazzjoni bejn id-Direttivi 97/81 u 76/207.

27. Fil-kawża Steinicke, l-Avukat Ġenerali Tizzanu ma sab ebda ostakoli sabiex japplika dawn iż-żewġ direttivi fi skema ta' xogħol part time minħabba l-età, li għaliha setgħu japplikaw biss ħaddiema li kienu ħadmu totalment mill-inqas tliet snin full-time, matul il-ħames snin preċedenti [17]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-iskema in kwistjoni kienet taffettwa l-kunidzzjonijiet tax-xogħol, u b'hekk eskludiet id-Direttiva 97/81 u evitat li tikkunsidra l-kwistjoni diskussa hawnhekk [18].

28. Sena wara, dehret mill-ġdid il-problema tal-koeżistenza ta' dawn id-direttivi fil-kawża Wippel, li fiha l-applikazzjoni simultanja tagħhom f'każ konkret ġiet aċċettata [19]. Jidhirli xieraq li nfakkar hawnhekk il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Kokott f'din il-kawża [20]. Skond din, u jiena naqsam kompletament din l-opinjoni, dawn iż-żewġ direttivi jswegu għanijiet differenti. Fin-nuqqas ta' identità materjali, ma jistax isir rikors għal kriterju ta' ġeneralità u ta' speċjalità li tikkonċernhom [21].

29. Ippreċiżata l-applikazzjoni tad-Direttivi, kemm fir-relazzjonijiet tagħhom malprinċipji ġenerali kif ukoll fir-relazzjonijiet

17 — Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Tizzano (sentenza tal-11 ta' Settembru 2003, C-77/02, Ġabra p. I-9027).

18 — Sentenza Steinicke, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 52.

19 — Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Wippel (C-313/02, Ġabra p. I-9483).

20 — Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Wippel (sentenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punti 64 sa 67).

21 — Kif indika l-Avukat Ġenerali fil-punt 67 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Wippel, "il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stipulata mid-Direttiva 76/207 hija barra minn hekk ukoll applikabbli flimkien mal-projbizzjoni li jingħata żvantaġġ lill-ħaddiema part-time skond il-Ftehim Qafas fuq ix-xogħol part-time [...], peress illi ż-żewġ dispożizzjonijiet jirregolaw fatti differenti u jsegwu għanijiet differenti. Il-projbizzjoni tagħhom ta' diskriminazzjoni hija bbażata fuq ċirkustanzi differenti. Huma m'għandhomx relazzjoni speċjali ma' xulxin."

reċiproċi tagħhom, għandu jiġi eżaminat ilmertu tad-domanda magħmula mil-Landesgericht Bozeb billi l-ewwel nett tiġi studjata l-konformità tal-miżuri Taljani in kwistjoni mad-Direttiva 97/81, qabel ma jiġu mqabbla mad-Direttiva 76/207.

B — *L-obbligi amministrattivi li jirriżultaw mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 fid-dawl tad-Direttiva 97/81*

1. Is-suġġett tad-domanda

30. Il-Landesgericht Bozen titlob interpretazzjoni tad-Direttiva 97/81 sabiex tiddeċiedi l-kompatibbiltà ma' dan it-test Komunitarju ta' żewġ dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 (l-Artikoli 2 u 8), li jimponu fuq min iħaddem li jinnotifika kopja tal-kuntratti part-time lis-servizz kompetenti ta' l-Ispettorat tax-xogħol, fi żmien 30 ġurnata wara l-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti, taħt piena ta' sistema ta' sanzjoni amministrattiva iebsa, li kienet timponi multa ta' EUR 15 għal kull wieħed millħaddiema in kwistjoni u għal kull ġurnata ta' dewmien, mingħajr ebda limitu.

31. Id-Direttiva 97/81, sabiex tippromwovi l-impjieg, hija intiża sabiex telimina kull diskriminazzjoni bejn il-kuntratti ta' xogħol part-time u l-kuntratti ta' xogħol full-time. Dan l-għan ta lok għall-klawżola 1(a) tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva, li tipprovdi l-għan li jikkonsisti li: "jipprovdi għat-tneħħija tad-diskriminazzjoni kontra ħaddiema part-time u li jtejjeb il-kwalità ta' xogħol part-time" [22].

32. It-trattament ugwali li teħtieġ id-direttiva jikkonċerna prinċipalment, il-kundizzjonijiet sustantitvi tar-relazzjoni ta' impjieg. Dan jikkonsisti li tiġi eliminata, permezz ta' dawn it-tipi ta' kuntratti, kull nuqqas ta' ekwilibriju għad-dannu tal-kuntratt part-time. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam ikkonfermat din il-perspettiva [23].

33. Madankollu, din il-kawża ma tirrigwardax il-kontenut tal-kuntratt ta' impjieg, peress li l-leġiżlazzjoni Taljana tintroduċi miżuri burokratiċi fl-obbligi amministrattivi ta' min iħaddem. B'hekk, hija tirrigwarda r-relazzjoni vertikali bejn l-awtoritajiet pubbliċi (l-Ispettorat tax-xogħol) u individwu (min iħaddem).

34. Għalkemm, fil-kuntest ta' din il-kawża, it-tip ta' diskriminazzjoni l-iktar ikkunsidrat

22 — Id-Direttiva 97/81 hija studjata fix-xogħljiet ta' E. Ellis, EU Anti-Discrimination Law, Oxford University Press, Oxford, 2005, p. 266 u 267 u ta' Barnard, C., EC Employment Law, it-tielet edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2006, p. 429 sa 432.

23 — Sentenza Wippel, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19. Jiena neżamina ċerti aspetti tax-xogħol part-time fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Voß (sentneza tas-6 ta' Diċembru 2007, C-300/06, Ġabra p. I-10573, punti 28 sa 31).

mid-Direttiva 97/81 mhuwiex in kwistjoni, l-interess ta' eżami tal-miżuri adottati fl-Italja jibqa'. Skond il-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim Qafas, l-Istati Membri, jimpenjaw ruħhom li jidentifikaw u jirrevedu ostakoli ta' natura legali jew amministrattiva li jillimitaw l-opportunitajiet għal xogħol part-time u, meta approprjat, jeliminawhom. B'konsegwenza, jidher evidenti li r-restrizzjonijiet burokratiċi imposti fit-tmiem ta' kuntratti ta' xogħol part-time jistgħu jiksru d-Direttiva 97/81.

35. B'konsegwenza, ir-risposta tiegħi ser tiffokalizza fuq il-kompatibbiltà tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 mal-klawżola 5(1)(a) tad-Direttiva 97/81. Fl-ewwel lok għandha tiġi eżaminata l-legalità ta' l-obbligu ta' notifikazzjoni u, wara, dik tas-sistema ta' sanzjonijiet. Dawn iż-żewġ aspetti jiksru l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni bejn kuntratti ta' xogħol li jinsab fid-Direttiva 97/81. Minħabba raġunijiet ta' kjarezza kunċettwali u ta' konprensjoni ta' l-espożizzjoin, l-aspetti dgħajfa ta' dawn is-sistemi għandhom jintwerew separatament.

2. L-obbligu ta' notifikazzjoni amministrattiva

36. Il-Landesgericht Bozen jistaqsi jekk l-obbligu li jiġu nnotifikati l-kuntratti ta' xogħol part-time kollha lill-Ispettorat tax-xogħol jikkostitwixxix ksur tad-dritt Komunitarju. B'konsegwenza, għandu jiġi ddeterminat jekk it-trattament differenzjat in kwistjoni huwiex oġġettivament u raġonevolment iġġustifikat.

37. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-prassi ġuridika ta' diversi Stati Membri rrikonoxew lill-prinċipju ta' proporzjonalità post partikolari fid-diskussjoni tal-prinċipju Komunitarju ta' non-diskriminazzjoni. Dan ġie aċċettat ukoll mid-duttrina [24]. Il-kriterju tripliku ta' proporzjonalità b'hekk jikkostitwixxi strument rilevanti sabiex din id-dilemma tiġi risolta; id-diskriminazzjoni għandha tkun xierqa, neċessarja u proporjonali fis-sens strett [25]. Ma' din l-evalwazzjoni triplika, li għandha sseħħ permezz ta' diversi stadji u mhux b'forma kumulattiva, l-evalwazzjoni ta' l-ugwajanza ssir iktar tasparenti u toħloq iktar ċertezza legali.

38. Il-verifika tal-prinċipju ta' proporzjonalità tikkonferma wkoll l-ideat imressqa

24 — P. Craig, EU Administrative Law, Oxford University Press, Oxford, 2006, p. 695 sa 700. Ara wkoll E. Ellis, "The Concept of Proportionality in European Community Sex Discrimination Law", f'E. Ellis (ed.), The Principle of Proportionality in the Laws of Europe, Hart Publishers, Oxford, 1999, p. 170 u 171.

25 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel regolarment din l-evalwazzjoni triplika. Fuq dawn it-tliet aspetti tal-proporzjonalità fid-dritt Komunitarju, ara J. Schwarze, European Administrative Law, Sweet & Maxwell, Londra, 2006; de G. Búrca, The Principle of Proportionality and its Application in EC Law, Yearbook of European Law, Vol. 13, 1993; N. Emiliou, The Principle of Proportionality in European Law, Kluwer, 1996, u E. Ellis (éd.), The Principle of Proportionality in the Law of Europe, op. cit. Fuq il-kostruzzjoni teoretika tal-prinċipju ta' proporzjonalità, f'persepttiva metodoloġika u li tagħmel enfasi fuq id-dimensjoni Kostituzzjonali, ara C. Bernal Pulido, El principio de proporcionalidad y los derechos fundamentales, it-tieni edizzjoni, Centro de Estudios Políticos y Constitucionales, Madrid, 2006.

fil-punti 17 sa 22 ta' dawn il-Konklużjonijiet. Meta għandek Direttiva li tarmonizza settur speċifiku, il-prinċipji ġenerali jissodisfaw funzjoni interpretattiva. F'din il-kawża, il-prinċipju ta' proporzjonalità jgħin sabiex jiġi ddeterminat is-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 97/81.

39. Il-ġurisprudenza toffri diversi eżempji ta' sistemi nazzjonali li jostakolaw it-twettiq ta' għanijiet Komunitarji [26]. Il-qasam li jħalli l-iktar frott huwa dak tal-libertajiet ta' moviment. F'dan is-settur, il-Qorti tal-Ġustizzja tissanzjona b'mod partikolarment iebes, il-miżuri direttament diskriminatorji, għarraġuni li dawn iwasslu għal inugwaljanza manifesta, fejn il-ġustifikazzjoni taqa' fuq l-Istati Membri. Madankollu, meta l-miżuri in kwistjoni huma indirettament diskriminatorji, il-kriterju ta' kontroll huwa iktar meqjus u prudenti, minħabba d-diffikultajiet li din it-tip ta' evwalazzjoni tikkawża lill-qorti [27].

40. Inqis li l-ġurisprudenza fil-qasam tal-moviment liberu tikkostitwixxi l-punt ta' referenza għad-deċiżjoni dwar id-domanda preliminari magħmula. Minkejja differenzi evidenti bejn is-sistema ta' libertajiet u settur armonizzat bħal dak tax-xogħol, is-sistemi ta' kontroll użati mill-Qroti tal-Ġustizzja jistgħu jkunu utli għall-iżvilupp ta' ċerti regoli ta' interpretazzjoni tad-Direttiva 97/81.

41. Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment ippermettew lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju ta' ċerti formalitajiet amministrattivi nazzjonali li huma applikabbli biss għall-professjonisti li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu. Fis-sentenza Vander Elst [28], il-Qorti tal-Ġustiazzja ddikjarat li "leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-eżerċizzju ta' ċerti prestazzjonijiet ta' servizzi fit-territorju nazzjonali [...] għall-għoti ta' awtorizzazzjoni amministrattivi tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi" [29]. Din il-pożizzjoni, li ġiet irrepetuta f'diversi sentenzi u li hija deskritta bħala eżempju ta' kontroll ta' proporzjonalità, hija bbażata fuq il-proprjetà u n-neċessità tal-miżuri amministrattivi in kwistjoni. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina jekk teżistix relazzjoni loġistika bejn l-obbligu nazzjonali u għan li hija ssegwi [30]. Fit-tieni lok, hija tivverifika jekk jeżistux alternattivi inqas restrittivi li jippermettu

26 — T. Tridimas, The General Principles of EU Law, it-tieni edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2006, Kapitolu 5.

27 — Il-prinċipju ta' proporzjonalità jeħtieġ id-determinazzjoni preliminari ta' livell ta' protezzjoni, ta' standard ta' garanzija li l-qorti għandha tikkunsidra fil-kuntest fattwali, istituzzjonali u regolamentari ta' kull każ konkret. B'hekk jinsab fis-sistema legali kollha ta' l-Istati Membri li rrikonoxxew dan il-prinċipju. Skond P. Craig, op. cit., p. 657, "In any system of administrative law the courts will have to decide not only which tests to apply to determine the legality of administrative action, but also the rigour or intensity with which to apply them. In some legal systems this is worked out to a high degree, but the issue is pertinent for all systems. The relative intensity of judicial review is just as much a live question in relation to proportionality in the EU".

28 — Sentenza tad-9 ta' Awwissu 1994 (C-43/93, Ġabra p. I-3803).

29 — Sentenza Vander Elst, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 15.

30 — Sentenza Vander Elst, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punti 18 sa 22.

lill-Istat Membru li jilħaq l-istess għanijiet permezz ta' mezzi inqas vinkolanti [31]. Din it-tieni fażi tal-kontroll ta' spiss tagħti lok għall-konstatazzjoni ta' ksur tad-dritt Komunitarju.

42. Is-sentenza Vander Elst ikkonfermat l-inkompatibbiltà mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' obbligu li jeħtieġ lill-impriżi residenti fi Stat Membru li jiksbu, għall-impjegati tagħhom, permess ta' xogħol maħruġ minn korp nazzjonali ta' immigrazzjoni, taħt piena li jiġu imposti multa amministrattiva. Ftit snin wara, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju [32], estendiet iktar dan ir-raġunament għal miżuri nazzjonali indistintivament applikabbli u, iktar preċiżament, l-obbligu ta' l-impriżi li jipprovdu sigurtà li jiksbu awtorizzazzjoni amministrattiva [33].

43. Biex jiġi ppreċiżat jekk formalità amministrattiva hijiex iġġustifikata, partikolarment għall-finjiet ta' l-evalwazzjoin tal-kriterju tan-neċessità, il-Qorti tal-Ġustizzja utilizzat raġunament koerenti fil-ġurisprudenza tagħha. Is-sentenza Bruno Schnitzer [34], li kienet tikkonċerna l-obbligu, għall-impriżi stabbiliti fl-Istati Membri u li jipprovdu servizzi fil-Ġermanja, li jkunu mniżżla fir-reġistru tal-kummerċ, hija partikolarment kjarifikanti. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ġġustifikat dan l-obbligu minħabba n-neċessità li tiggarantixxi l-kwalità tax-xogħolijiet ta'artiġjanat, iżda l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li tali eċċezzjoni ma kinitx determinati u li kellha tiġi segwita triq oħra, marbuta ma' *l-effikaċità* tad-dispożizzjonijiet amministrattivi in kwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizza żiedet li "il-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita mill-Istat Membru ospitanti la għandha ddewwem u lanqas tikkomplika l-eżerċizzju tad-dritt ta' persuna stabbilita fi Stat Membru ieħor li tipprovdi s-servizzi tagħha fit-territorju ta' l-ewwel Stat, peress illi l-eżami tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-attivitajiet ikkonċernati kien sar u kien ġie stabbilit li dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfatti" [35].

44. Jirriżulta minn dak kollu li ntqal li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti attenzjoni speċjali għall-effikaċja tal-formalitajiet amministrattivi nazzjonali li jimplikaw, *a priori*, diskriminazzjonijiet iprojbiti mid-dritt Komunitarju. Il-ġustifikazzjonijiet marbuta ma' motivi daqshekk rilevanti bħas-siġurtà u l-protezzjoni tal-konsumaturi ma jidhrux konvinċenti meta ċerti għanijiet Komunitarji jinsabu f'periklu. Għalkemm l-argument ġuridiku espost kien ġie żviluppat fil-qasam tal-libertajiet, jiena tal-fehma li l-istruttura teoretika tiegħu hija estrapolattiva għal din il-kawża.

31 — Sentenza Vander Elst, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punti 23 sa 26.

32 — Sentenza tad-9 ta' Marzu 2000 (C-355/98, Ġabra p. I-1221).

33 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, punti 35 sa 40.

34 — Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2003 (C-215/01, Ġabra p. I-14847).

35 — Sentenza Schnitzer, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34, punt 36.

45. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Taljan jattibwixxi għall-miżuri in kwistjoni rwol importanti fil-ġlieda kontra l-frodi u x-xogħol bil-moħbi; fil-fehma tiegħu, in-notifikazzjoni tal-kuntratti part-time kollha tikkostitwixxi sors ta' informazzjoni li tippermetti li l-politika pubblika tiġi mfassla u implementata. Bil-kontra, il-Kummissjoni tqis li dawn il-formalitajiet jirrappreżentaw ostakolu inkompatibbli mad-Direttiva 97/81 u l-għan tagħha sabiex tinkoraġġixxi formula kuntrattwali li, f'dan il-każ, hija ostakolata mingħajr ebda fundament.

46. Is-severità li l-Qorti tal-Ġustizzja applikat mal-miżuri nazzjonali diskriminatorji, li huma espressament projbiti middritt Komunitarju, iħalli li jiġi ssuġġerit li l-argument invokat mill-Gvern Taljan ma jistax jiġi aċċettat. M'hemmx dubju li l-miżuri in kwistjoni huma adegwati għallgħanijiet segwiti, madankollu, l-evalwazzjoni tan-neċessità tagħhom, li timplika li jiġi vverifikat jekk jeżistux mezzi inqas vinkolanti, turi li l-leġiżlazzjoni Taljana hija inkompatibbli mad-Direttiva. L-obbligu li tiġi nnotifikata b'kopja tal-kuntratti ta' xogħol part-time kollha tista' faċilment tiġi ssostitwita permezz ta' mezzi li huma daqstant effikaċji, iżda li joħolqu inqas spejjeż għal min iħaddem, li jsibu ruħhom imposti b'formalità li l-amministrazzjoni diġà tkun qed twettaq, bħala prinċipju, fil-kuntest tal-missjonijiet tagħha ta' sorveljanza, ta' ispezzjoni u bħala puluzija.

47. Il-ħolqien ta' obbligi amministrattivi intiżi sabiex inaqqsu jew itaffu r-responsabbiltajiet ta' l-amministrazzjoni ma jirriflettix dejjem tmexxija pubblika tajba. Il-formalitajiet superfluwi, il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi privati għat-twettiq tax-xogħolijiet ta' utilità inċerta jew il-kontrolli żelanti ta' l-amministrazzjoni huma sintomi li jirriżultaw iktar diskutibbli jekk jieħdu forma diskriminatorja lejn grupp konkret. Jiena ma nistax noqgħod lura milli nirreferi għall-uffiċjal Ramón Villamil, eroj traġika ta' Miau, rumanz li fih Benito Pérez Galdós jiddeskrivi dawk li jiġġieldu kontra s-saħħa burokratika, mingħajr suċċess u mingħajr kumpens, mirbuħin minn sistema ta' tmexxija li tissupplixxi lilha nfisha b'formalitajiet inutli [36].

48. Ir-rilevanza li d-Direttiva 97/81 tattribwixxi għall-kuntratti part-time, kif ukoll il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni li tinsab f'dan it-test, jipprekludu l-obbligu ta' notifika in kwistjoni. Peress li jeżistu miżuri oħra li huma inqas vinkolanti li jippermettu lill-Gvern Taljan li jilqaħ l-istess għanijiet, jidher li l-obbligu li jinsab fl-Artikolu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 huwa disproporzjonali u, għaldaqstant, imur kontra

36 — F'konversazzjoni bejn Villamil, personaġġ favur is-simplifikazzjoni amministrattiva, u Buenaventura Pantoja, personaġġ tipiku tas-satira ta' l-uffiċjal tad-dsatax il-seklu, Benit Pérez Galdós jirrakkonta b'ċertu gusto u sens ta' kummiedja li "dak li kien jirrita ħafna lil Pantoja, kien li l-ħabib tiegħu [Villamil] kien jiddefnixxi t-taxxa fuq id-dħul, billi jistabbilixxi mill-ġdid il-[kontribuzzjoni territorjali], it-tassazzjoni industrijali u t-taxxa fuq il-konsum. It-taxxa fuq id-dħul, ibbażata fuq din id-dikjarazzjoni, għandha relatati magħha l-imħabba lejn il-persuna stess u l-*bona fide*, kienet ereżija f'pajjiż fejn kien hemm bżonn li persuna li għandha thallas it-taxxa tingħata l-forka sabiex tagħmel dan. B'mod ġenerali, is-simplifikazzjoni kienet kontra l-ispirtu ta' l-integrazzjoni funzjonarja, fejn in-numru ta' persunal kien għoli, fejn ta' spiss kien isir qerq u b'mod partikolari, kien isir ħela tal-karti. Fl-aħħar nett, kien iwaqqa' għaċ-ċajt lil Pantoja, peress li dan il-mod li bih jiġu aboliti l-kontribuzzjonijiet, kien ifisser li jiġi abolit huwa stess". B. Pérez Galdós, Miau, Ġabra Austral, Nru 470, Ed. Espasa Calpe, Madrid, 2007, p. 193.

l-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 97/81.

49. Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-evalwazzjoni tal-konsegwenzi li jirriżultaw mill-ksur ta' l-obbligu in kwistjoni f'termini ta' sanzjonijiet.

51. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-obbligu ta' notifikazzjoni tal-kuntratti part-time jikser id-Direttiva 97/81, mhemmx lok li l-analiżi tal-miżura repressiva tiġi approfondita. Diġà intqal li l-konstatazzjoni ta' l-illegalità tal-miżura amministarttiva tapplika għas-sanzjoni. Madankollu, fl-eventwalità fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqsamx l-opinjoni tiegħi dwar l-obbligu tan-notifikazzjoni, jiena ser inkompli iktar 'il quddiem bl-eżami tal-legalità tas-sistema ta' sanzjonijiet prevista fl-Artikolu 8 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000.

3. Is-sistema ta' sanzjonijiet amministrattivi

50. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat diversi drabi li l-miżuri amministrattivi jew repressivi adottati mill-Istati Membri għall-implementazzjoni tad-dritt Komunitarju m'għandhomx imorru lil hinn mill-kuntest ta' dak li huwa strettament neċessarju għall-għanijiet segwiti. F'dan ir-rigward, sanzjoni m'għandhiex tkun daqshekk disproporzjonali meta mqabbla mal-gravità tal-ksur li ssir ostakolu għal-libertajiet stabbiliti mit-Trattat KE [37]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ukoll li, meta miżura amministrattiva hija ddikjarata inkompatibbli mad-dritt Komunitarju, is-sanzjoni prevista sabiex tiggarantixxi r-rispett tagħha tkun ukoll kontra d-dritt ta' l-Unjoni [38].

52. L-Istati Membri jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa fl-implementazzjoni tal-mekkaniżmi ta' salvagwardja tad-dritt Komunitarju. Kemm fl-oqsma armonizzati kif ukoll f'dawk ikkaratterizzati mill-eżistenza ta' volontà ta' integrazzjoni negattiva, id-dispożizzjonijiet intiżi għall-ġlieda kontra n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, b'mod partikolari dawk ta' natura punitiva, huma mfassla u implementati mill-Istati Membri fil-libertà tagħhom. Din ir-regola hija madakollu suġġett għall-obbligu impost fuq l-Istati li jirrispettaw il-prinċipji Komunitarji ta' effettività, ta' ekwivalenza u ta' proporzjonalità, imsemmija iktar 'il fuq.

53. Sistema ta' sanzjonijiet, kemm penali jew amminstrattiva, intiża sabiex tiggarantixxi l-implementazzjoni tad-dritt Komunitarju, għandha tissodisfa ċerti kundizzjonijiet rela-

37 — Sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1992, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-210/91, Ġabra p. I-6735, punt 19); tas-26 ta' Ottubru 1995, Siesse (C-36/94, Ġabra p. I-3573, punt 21), u tas-7 ta' Diċembru 2000, de Andrade (C-213/99, Ġabra p. I-11083, punt 20).

38 — Sentenzi ta' l-14 ta' Lulju 1977, Sagulo *et* (8/77, Ġabra p. 1495, punt 12); tat-3 ta' Lulju 1980, Pieck (157/79, Ġabra p. 2171, punt 19), u tat-12 ta' Diċembru 1989, Messner (C-265/88, Ġabra p. 4209, punt 14).

tati mal-*proċedura* u mal-*mertu* [39]. Il-kundizzjonijiet ta' proċedura huma rregolati mill-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza [40]; il-kundizzjonijiet dwar il-mertu huma rregolati mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

54. Il-kawża quddiemna ma tippreżentax inċertezza fir-rigward tal-proċedura segwita quddiem l-amministrazzjoni u l-qrati Taljani, iżda f'dak li jikkonċerna l-kontenut materjali tar-regoli in kwistjoni. B'hekk għandu jiġi effettwat kontroll ta' proporzjonalità.

55. Jiena diġà indikajt li d-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 jimponi multa ta' EUR 15 fuq min iħaddem għal kull ħaddiem in kwistjoni u għal kull ġurnata dewmien tan-notifikazzjoni tal-konklużjoni tal-kuntratt. Minbarra dan, ma jeżisti ebda limitu għall-multa, minħabba li, fir-rigward ta' ksur kontinwu, peress illli l-fatt illegali jista' jdum għaddej, u b'hekk jiżdied l-ammont tas-sanzjoni b'mod indefinit.

56. Sistema ta' din in-natura toħloq inkonvenjenzi serji f'dak li jikkonċerna l-kulpabbiltà. Għalkemm is-sistemi ta' sanzjonijiet amministrattivi m'għandhomx l-istess intensità bħal-liġi kriminali, dawn iż-żewġ sistemi japplikaw l-istess prinċipji ġenerali. Fil-Konklużjonijiet tiegħi tas-26 ta' Mejju 2005 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, jiena nsostni li din l-identità bejn is-sanzjoni penali u s-sanzjoni amministrattiva hija preżenti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [41]. L-intensità li biha japplikaw dawn il-prinċipji tvarja, iżda huwa evidenti li prinċipji bħal dawk tal-preżunzjoni ta' l-innoċenza, il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, il-prinċipju ta' legalità u dak tal-kulpabbiltà huma strutturi normattivi applikabbli kemm fil-liġi kriminali kif ukoll fis-sistemi ta' sanzjonijiet implementati mill-amministrazzjonijiet [42].

57. Fuq din il-premessa, inqis li s-sistema ta' sanzjonijiet maħluqa mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 hija illeċita fid-dawl tal-prinċipju ta' kulpabbiltà, skond liema sanzjoni għandha tiddependi mill-intenzjoni ta' l-awtur tal-ksur. Sabiex jiggarantixxu dan ir-rekwiżit, is-sistemi legali jintroduċu kriterji korrettivi taħt il-forma ta' kawżi ta' attenwazzjoni jew ta' aggravazzjoni. Fl-istess ordni ta' ideat, l-aġir jista' jiġi kklassifikat bħala b'intenzjoni jew imprudenti. Is-sanzjoni hija b'hekk ikklassifikata skond l-intenzjoni ta' l-awtur, li timmaterjalizza r-responsabbiltà tiegħu. Fil-ġurisprudenza, din l-operazzjoni

39 — K. Lenaerts; D. Arts u I. Maselis, *Procedural Law of the European Union*, it-tieni edizzjoni, Londra, 2006, p. 83, paragrafu 3-001.

40 — Prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sa mis-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe (33/76, Ġabra p. 1989, punt 5) u Comet (45/76, Ġabra p. 2043, punt 13).

41 — Dan huwa kif indikajt fil-punt 47 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (sentenza tat-13 ta' Settembru 2005, C-176/03, Ġabra p. I-7879): "skond l-importanza tar-risposta, għandha ssir distinzjoni fir-rigward tas-sanzjonijiet penali, li jikkostitwixxu l-livell l-iktar għoli, u s-sanzjonijiet amministrattivi. Dawn it-tnejn huma manifestazzjonijeit ta' l-ius puniendi ta' l-Istat u huma josservaw l-istess prinċipji ontoloġiċi […]. Madankollu, in-natura inqas stretta tat-tieni grupp idgħajjef il-garanziji li huma kundizzjoni ta' l-applikazzjoni tagħhom, għalkemm, kif jiena indikat fil-Konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Greċja […], hemm lok, fiż-żewġ każijiet, li jiġu rrispettati prinċipji analoġi […]".

42 — Fuq l-evoluzzjoni ġurisprudenzjali ta' dawn il-prinċipji fid-dritt Komunitarju, ara R. Alonso García, Derecho Comunitario, Derechos Nacionales y Derecho Común Europeo, éd Civitas, Madrid, 1989, p. 297 sa 301.

tidher bħala dimensjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità [43].

58. Is-sentenza Paraskevas Louloudakis [44] ikkonfermat l-inkompatibbiltà mad-dritt Komunitarju ta' sanzjoni nazzjonali imposta b'mod awtomatiku skond parametru wieħed — iċ-ċilindrata ta' vettura — mingħajr kunsiderazzjoni taż-żmien tagħha u lanqas ta' aspetti jew regoli oħra li l-proprjetarji kien ikkonforma ruħu magħhom [45]. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ħalliet f'idejn il-qorti nazzjonali li tagħmel l-evalwazzjoni finali tal-miżura, l-osservazzjonijiet ifformulati fir-rigward tal-kulpabbiltà ikopru t-tifsira tagħha.

59. Jiena nikkunsidra li s-sanzjonijiet introdotti *ad infinitum* skond iż-żmien li għadda u n-numru ta' ħaddiema kkonċernati, mingħajr kriterji korretturi li jipppermettu li s-sanzjoni tiġi rregolata skond il-kulpabbiltà ta' l-awtur tal-ksur, jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità. Fir-rigward tal-formalità amministrattiva li tikkonsisti li tintbagħat kopja ta' kull wieħed mill-kuntratti part-time konklużi jiżdied supplement repressiv li, ladarba adottat minn min iħaddem, jikkontribwixxi sabiex jiskoraġġixxi r-rikors għal dan it-tip ta' kuntratt ta' xogħol. Il-possibbiltà li wieħed jiġi ppenalizzat mingħajr limitu unikament minħabba ż-żmien li jkun għadda jwassal lil min iħaddem sabiex jagħżel proċeduri kuntrattwali oħra. Il-possibbiltà sabiex jiġu konklużi tipi oħra ta' kuntratti hija għaldaqstant iktar b'saħħitha meta r-relazzjoni ta' impjieg full-time ma tinkludix tali sistema ta' sanzjonijiet.

60. Fuq dan il-punt, madankollu, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tħalli lil-Landesgericht Bozen tagħmel id-deċiżjoni. L-awtomatiżmu tas-sanzjoni in kwistjoni għandu jiġi eżaminat fil-kuntest tas-sistema Taljana ta' sanzjonijiet amministrattivi fl-intier tagħha. Il-ksur tad-dritt Komunitarju jseħħ biss jekk jiġi kkonfermat in-nuqqas ta' ċirkustanzi korretturi tal-kulpabbiltà ta' l-awtur tal-ksur. Il-qorti tar-rinviju tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipprattika analiżi sistematika ta' settur speċifiku tas-sistema legali Taljana. L-alternattiva li jiena nipproponi li nressaq quddiem il-Landesgericht Bozen hija sempliċi: jekk, fis-sistema legali nazzjonali, is-sanzjonijiet previsti mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 ma jammettu ebda klassifikazzjoni tal-ksur, ikun hemm ksur tal-prinċipju tad-dritt Komunitarju ta' proporzjonalità.

43 — L-artikolazzjoni tal-ħtija fil-forma tal-prinċipju ta' proporzjonalità tapplika wkoll fis-sistemi legali nazzjonali. Fi Franza, per eżempju, il-Conseil d'État, sa minn wara s-sentenza Lebon (Sezzjoni, 9 ta' Ġunju 1978, p. 245), japplika dan il-prinċipju meta jikkontrolla l-livell ta' gravità tas-sanzjonijiet amministrattivi. Il-leġiżlatur Spanjol ikkonferma din il-prassi fl-Artikolu 131 tal-liġi dwar is-sistema legali ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-proċedura amministrattiva komuni (Ley 30/1992, de 26 de noviembre, del Régimen Jurídico de las Administraciones Públicas y del Procedimiento Administrativo Común) fejn il-kwazi tal-modulazzjoni tar-responsabbiltà amministrattiva jidhru taħt it-titolu "prinċipju ta' proporzjonalità" Fuq l-evoluzzjoni tal-kriterju tal-ħtija, ara S. Peers, EU Justice and Home Affairs Law, it-tieni edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2006, p. 417 u 418.

44 — Sentenza tat-12 ta' Lulju 2001 (C-262/99, Ġabra p. I-5547).

45 — Sentenza Louloudakis, iċċitata fil-punt 44, punt 69: "[…] jekk imperattivi ta' repressjoni u ta' prevenzjoni jistgħu jiġġustifikaw li leġiżlazzjoni nazzjonali tistabbilixxi s-sanzjonijiet għal ċertu livell ta' severità, ma jistax jiġi eskluż li sanzjonijiet partikolari li huma konformi ma' regoli bħal dawk applikabbli fil-kawża prinċipali jistgħu jirriżultaw sproporzjonali u b'hekk jikkostitwixxu ostakolu għal din il-libertà, peress illi dawn jinkludu multi ffisati minn qabel fuq il-bażi ta' l-uniku kriterju taċ-ċilindrata tal-vettura, mingħajr kunsiderazzjoni ta' kemm għandha żmien, u d-dazju miżjud jista' jiżdied sa għaxar darbiet it-taxxi in kwistjoni. Fil-fatt, sanzjoni bbażata fuq l-uniku kriterju taċ-ċilindrata tista' tkun sproporzjonali meta mqabbla mal-gravità tal-ksur, b'mod partikolari meta hija assoċjata ma' sanzjoni oħra, miżjuda u imposta fuq l-istess ksur. Bl-istess mod tista' tkun hemm sanzjoni li tilħaq multipplu tat-taxxi in kwistjoni, per eżempju għaxar darbiet daqshom." Qatt m'għandna ninsew li l-każijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet ċerta forma ta' responsabbiltà oġġettiva fil-qasam ta' repressjoni huma rari. F'dawn il-każijiet, il-ġurisprudenza rrikjediet li s-sistema legali nazzjonali tirrispetta l-priniċpji ta' effettività, ta' ekwivalenza u ta' proporzjonalità. Ara wkoll is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1989, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (68/88, Ġabra p. 2965, punt 24); ta' l-10 ta' Lulju 1990, Hanen (C-326/88, Ġabra p. I-2911, punt 17) u tas-27 ta' Frar 1997, Ebony Maritime u Loten Navigation (C-177/95, Ġabra p. I-1111, punt 35).

C — *L-obbligi amministrattivi tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 fid-dawl tad-Direttiva 76/207*

61. Fl-aħħar nett, għandu jiġi vverifikat jekk id-Direttiva 76/207 ġietx miksura. Jiena diġà indikat li bejn din id-direttiva u d-Direttiva 97/81 ma teżistix relazzjoni speċjali, li tippermetti li żewġ strumenti normattivi jiġu interpretati konġuntament. Filwaqt li kkonstatajt l-inkompatibbiltà tal-miżuri in kwistjoni mad-Direttiva 97/81, jidher superfluwu għalija li nanalizza d-diffikultajiet issollevati mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 61/2000 fir-rigward tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess. Mandakollu, jiena nqis li proposta fuq dan il-punt tgħin lill-qorti nazzjonali li tiegħu d-deċiżjoni ġusta.

62. Għalkemm, fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern Taljan ma semmiex il-problemi li jinsabu fis-sistema legali nazzjonali minħabba d-Direttiva 76/207, il-Kummissjoni ta deċiżjoni fuq din il-kiwstjoni billi indikat li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva kienu eskluži mis-suġġett tal-kawża preżenti.

63. Jiena ma naqbilx ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni.

64. Wara s-sentenza Jenkins[46], huwa evidenti li fil-qasam tal-politika soċjali, iżda b'mod iktar konkret fil-ġlieda kontra d-differenzi ta' trattament minħabba s-sess, id-dritt Komunitarju jikkumbatti wkoll id-diskriminazzjoni indiretta. Din il-kawża kienet tikkonċerna ħaddiema part-time li l-paga tagħha kienet sostanzjalment inferjuri għal dak tal-kollegi rġiel tagħha. Il-konvenuta sostniet li d-diskrepanza fil-pagi ma kinitx intiża sabiex tistabbilixxi sistema differenzjata għall-irġiel u għan-nisa, iżda sabiex jadatta l-pagi għall-impjegati li kienu jaħdmu full-time, minn naħa, u part-time, min-naħa l-oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li din id-differenza ta' trattament setgħet tkun kompatibbli mal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, taħt l-aspett tal-pagi (Artikolu 141 KE) safejn din kienet oġġettivament iġġustifikata[47], iżda hija ppreċiżat li, jekk in-numru ta' nisa li jeżerċitaw attivitajiet full-time kien b'mod sinjifikattiv inqas minn dak ta' l-irġiel, allura hemm diskriminazzjoni illeġittima[48].

65. Dan il-kriterju ta' evalwazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, stabbilit fis-sentenza Jenkis, jeħtieġ eżami fattwali li l-Qorti tal-Ġustizzja mhijiex dejjem fil-pożiżżjoni li twettaq. Din hija r-raġuni għalfejn hija indikat li l-evalwazzjoni ta' l-informazzjoni li tippermetti li tiġi kkonstatata diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa hija ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali, li għandha tieħu kunsiderazzjoni ta' diversi elementi bħall-istatistiċi żviluppati mill-

46 — Sentenza tal-31 ta' Marzu 1981 (96/80, Ġabra p. 911).

47 — Sentenza Jenkins, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46, punti 11 u 12. Fil-konklużjonijiet imsemmija iktar 'il fuq fil-kawża Voß, punti 32 sa 38, jiena nispjega fid-dettall l-evoluzzjoni ġurisprudenzjali tal-diskriminazzjoni indiretta bbażta fuq is-sess. Ara wkoll P. Craig, u G. de Búrca, EU Law, ir-raba' edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2007, p. 886 sa 896.

48 — Sentenza Jenkins, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46, punti 13 u 14.

Ispettorat tax-xogħol jew ta' informazzjoni ekwivalenti oħra [49].

66. Il-ġurisprudenza Jenkins ġiet ripetuta diversi dravi, għalkemm fil-maġġoranza tal-każijiet [50], dan kien fil-kuntest ta' l-Artikolu 141 KE, li jipprovdi l-prinċipju ta' l-ugwaljanza tar-remnerazzjoni f'termini speċifiċi. B'mod definittiv, id-diskriminazzjonijiet indiretti bbażati fuq is-sess huma, attwalment, ipprojbiti daqs id-diskriminazzjonijiet indiretti. L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 97/80/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar il-piż tal-prova f'każijiet ta' diskriminazzjoni bbażati fuq is-sess [51], li tistruttura bħala regola l-ġurisprudenza li tinsab fis-sentenza Jenkins:

"Għall-iskopijiet tal-prinċipju tat-trattament ugwali […], diskriminazzjoni indiretta għandha teżisti meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali jiżvantaġġaw proporzjon sostanzjalment ogħla tal-membri ta' sess wieħed ħlief jekk dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika hija approprjata u neċessarja u tista tiġi ġustifikata minn fatturi oġġettivi li mhumiex relatati mas-sess." [52]

67. Peress illi l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 97/80 jirregola s-sitwazzjonijiet diskriminatorji pprojbbiti mid-Direttiva 76/207, il-ġurisprudenza Jenkins għandha tapplika għal din il-kawża.

68. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jibqa' biss li l-eżami tad-dispożizzjonijiet Taljana magħmula iktar 'il fuq tiġi rrinvijata. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, jiena nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-introduzzjoni ta' miżuri li jiskoraġġixxu r-rikors għall-kuntratti ta' xogħol part-time wkoll tista' tillimita l-aċċess għall-impjieg. Minħabba l-motivi esposti fl-punti 36 sa 61 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-miżuri nazzjonali in kwistjoni jiddiswadu lil min iħaddem li jirrikorri għall-kuntratti ta' xogħol part-time. B'hekk, hija ġurisdizzjoni tal-Landesgericht Bozen li tiddetermina jekk jeżistux elementi ta' fatt li jakkreditaw diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess. Jekk ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni juri li l-miżura in kwistjoni tmiss proporzjon sinjifikattiv iktar importanti ta' nisa milli rġiel, għandu jiġi kkonstatat ksur tad-Direttiva 76/207 u, iktar preċiżament, l-Artikolu 3 tagħha.

49 — Fuq l-użu ta' kriterji statistiċi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ara R. Nielsen, European Labour Law, DJØF Publishing, Copenhagen, 2000, p. 217 sa 220.

50 — Il-ġurisprudenza Jenkins ġiet ikkonfermata ftit żmien wara mis-sentenza tat-13 ta' Mejju 1986, Bilka-Kaufhaus (170/94, Ġabra p. 1607, punt 29). Ara, f'dan l-istess sens, is-sentenzi tat-13 juillet 1989, Rinner-Kühn (171/88, Ġabra p. 2743, punt 11); tas-7 ta' Frar 1991, Nimz (C-184/89, Ġabra p. I-297, punt 14); tas-27 ta' Ġunju 1990, Kowalska (C-33/89, Ġabra p. I-2591, punt 13); ta' l-4 ta' Ġunju 1992, Bötel (C-360/90, Ġabra p. I-3589, punt 30); tat-2 ta' Ottubru 1997, Kording (C-100/95, Ġabra p. I-5289, punt 16), u tat-30 ta' Marzu 2000, JämO (C-236/98, Ġabra p. I-2189, punt 52).

51 — ĠU 1998, L 14, p. 6.

52 — Id-Direttiva 2006/54 biddlet ftit il-kunċett bilki ddefinietu bħala diskriminazzjoni indiretta bil-mod segwenti: "fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika li mad-dehra jkunu newtrali jkunu jpoġġu lil persuni ta' sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, ħlief jekk dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika tkun oġġettivament ġustifikata b'għan leġittimu, u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan huma xierqa u meħtieġa". Jirriżulta minn dan l-iffurmular ġdid li l-fattur kwantitattiv — impatt iktar sinjifikattiv għan-nisa milli għall-irġiel — m'għadux element determinati u jeżisti ma' fatturi oħra.

VI — Konklużjoni

69. Fid-dawl ta' l-ispjegazzjonijiet hawn fuq, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domanda preliminanri tal-Landesgericht Bozen kif ġej:

"Il-klawżoli 4 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-ĊEEP u mill-ETUC, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu lil leġiżlazzjoni nazzjonali li teħtieġ in-notifka lill-amministrazzjoni ta' kopja tal-kuntratti ta' xogħol part-time fi żmien 30 ġurnata wara l-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti.

L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil leġiżlazzjoni nazzjonali li teħtieġ in-notifka lill-amministrazzjoni ta' kopja tal-kuntratti ta' xogħol part-time fi żmien 30 ġurnata wara l-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti, safejn jintwera li din il-miżura tolqot miżura sinjifikattiva iktar importanti ta' nisa milli rġiel. Hija ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk jeżistux elementi ta' fatt li jagħtu prova ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess."